MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2347/2002

**Francis Cutajar**

**Vs**

**Michael Cutajar**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm963.25 (disa` mija u tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ta' hlas dovuti ghal-uzu ta' makkinarju.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma ta' Lm963.25 li l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut tirraprezenta l-hlas dovut mill-konvenut talli matul il-kors ta' l-ezekuzzjoni ta' appalt li kien qieghed jigi mahdum mill-kontendenti konguntivament gew utilizzati

ingenji ossija makkinarju propjeta` tal-attur, u dana ovvjament bl-intendiment li l-attur jigi mhallas ta dan.

Minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas huwa baqa` inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din l-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 23 ta' Marzu 2002 u 8 ta' April 2002, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lill-attur u ghaldaqstant ghadha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jidher li huwa impellanti li meta jsir negozju bhal dak in dezamina, jigi abbozzat ftehim bil-miktub sabiex ma ssirx referenza taghha lil awtorita` gudizzjarja biex tigi solvuta. Aktar u aktar meta l-istess negozju sar bejn ahwa.

Carmel Vassallo li kien involut mal-kontendenti fin-negozju xehed li qatt ma thallsu tal-uzu tal-ingenji. Jinqatghu biss spejjes bhal diesel u tiswijiet. Meta kien talab lill-attur dana wiegbu li mhux ser jitlob lil huh. Meta` pero` it-tower crane sar kollu tieghu u xtara ziemel biex igorr is-slabs, allura kien f'dan il-mument li l-attur talab il-kumpens lil huh tal-uzu tal-ingenji. Il-kontendenti u dan ix-xhud Vassallo jiehdu tramite l-affidavit. Taz-zewg lantijiet tax-xoghol precedenti, il-ftehim gie rispettat. Fit-tielet wiehed, Vassallo hareg minnu u komplew wahedihom l-ahwa Cutajar. Fl-ahhar tax-xoghol l-attur inppretenda kif sejjahlu huwa l-kumpens! It-Tribunal ihoss li din it-talba mhux gustifikata. Min naha wahda ma rrizulta l-ebda ftehim antecedenti u/jew matul il-kors tax-xoghol dwar allegat hlas. Minn naha ohra, ma gietx prodotta l-ebda

prova konvincenti li hekk kellu jkun, onus probandi incubit ei qui dicit, non ei qui negat.

Issir referenza ghal sentenza datata 3 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet "Mallia vs Vassallo" (P/A) u "M. Refalo vs J. Camilleri" deciza minn dan it-Tribunal fil-11 ta' Ottubru, 2004. L-attur naqas fil-grad li trid il-ligi li jipprova l-kaz tieghu.

Jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes ghall-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------